**23 ta' Novembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.S.Hist.S.**

Guido Laferla *noe et*

*versus*

Dottor Vincent Falzon *et*

## ***Jus Superveniens***

*Jekk waqt kawża jkun intervjena dritt, l-azzjoni li qabel tkun difettuża tiġi msaħħa. Il-fondament ta' dan huwa l-ekonomija tal-ġudizzju u ta' l-ispejjeż.*

*Id-dottrina* jus superveniens firmat actionem et exceptionem *ġiet applikata mill-Qrati nostrali anke meta d-difett inizjali ġie ssanat bis-sopravenjenza tad-dritt wara l-eċċezzjoni, saħansitra meta l-kawża kienet fl-istadju ta' l-appell.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur *nomine*, wara li ppremetta li fuq parir u pressjoni da parti tal-konvenuti rriduċa konsiderevolment permezz tal-kuntratt tat-3 ta' Marzu, 1977, id-drittijiet ipotekarji tas-soċjetà attriċi kontra s-soċjetà Trojan Trading Company Limited, derivanti mill-kuntratt tas-7 ta' Novembru, 1974, illi dan il-parir kien żbaljat għal kollox u mhux korrett mill-ebda bażi legali u illi minħabba l-imsemmi kuntratt tat-3 ta' Marzu, 1977, is-soċjetà attriċi, soffriet u ser issofri danni għaliex mhux ser jirnexxilha li titħallas tal-bilanċ tal-kreditu tagħha u mgħax relattivi derivanti mill-kuntratt tas-7 ta' Novembru, 1974, talab li l-konvenuti għar-raġunijiet premessi, jiġu ddikjarati responsabbli lejn l-attur *nomine* tad-danni (likwidabbli f'ġudizzju separat) minħabba l-parir ħażin minnhom mogħti biex sar l-imsemmi kuntratt tat-3 ta Marzu, 1977 (in atti Dottor George Bonello du Puis) li naqqas id-

drittijiet ipotekarji tas-soċjetà attriċi - bl-ispejjeż (kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-8 ta' Frar, 1979) kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Dottor George Bonello du Puis li biha eċċepixxa illi l-azzjoni hija intempestiva billi qabel il-bejgħ tal-proprjetà kollha tat-Trojan Trading Co. Ltd. ma jistax ikun magħruf jekk l-attur sofra dannu jew le; illi huwa la ta parir u anqas għamel pressjoni fuq l-attur biex jagħmel il-kuntratt li jallega kkawżalu dannu. L-attur għamel il-kuntratt volontarjament u għalhekk jekk għamel xi dannu lill-kumpannija attriċi, jirrispondi għalih hu. L-istess konvenut formalment talaq li l-attur personalment jiġi kkjamat fil-kawża u subordinatament u bla preġudizzju, in-Nutar professjonalment ma jagħtix pariri u għalhekk ma jirrispondix professjonalment għall-operat extra-professjonali tiegħu;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Dottor Vincent Falzon li biha eċċepixxa illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni segwenti, it-talba attriċi hija intempestiva u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż peress li s-soċjetà attriċi ma soffrietx danni skond il-liġi b'konsegwenza tar-riduzzjoni tad-drittijiet ipotekarji tagħha skond il-kuntratt tagħha tat-3 ta' Marzu, 1977 in atti Nutar Dottor George Bonello du Puis. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba attriċi hija ukoll infondata peress li l-konvenut ma tax lill-attur *nomine* parir żbaljat legalment biex jirriduċi d-drittijiet ipotekarji tas-soċjetà attriċi u ma għamel ebda pressjoni fuq l-attur *nomine* għal dak l-iskop; illi, mingħajr preġudizzju għall-premess Guido Laferla personalment għandu jiġi kkjamat fil-kawża ħalli jekk eventwalment jirriżulta xi preġudizzju lis-soċjetà attriċi b'konsegwenza tar-riduzzjoni tad-drittijiet ipotekarji tagħha skond il-kuntratt tat-3 ta' Marzu, 1977, jinstab huwa responsabbli għad-danni talli bħala Direttur ta' l-istess soċjetà iddeċida minn rajh u bi pjena konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha dwar il-proprjetà tas-soċjetà Trojan Company Limited li ssir l-

imsemmija riduzzjoni;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u b'mod partikolari l-verbal ta' l-udjenza tal-5 ta' Lulju, 1984, skond liema verbal il-kawża ġiet iddifferita għad-deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intempestività ssollevata mill-konvenuti fin-noti ta' eċċezzjonijiet tagħhom (fol. 14 u 15);

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat kwantu għall-imsemmija eċċezzjoni ta' intempestività:

Fiċ-ċitazzjoni l-attur *nomine* qiegħed jippretendi li fuq parir u pressjoni tal-konvenuti huwa kien bil-kuntratt fuq imsemmi tat-3 ta' Marzu, 1977, irriduċa konsiderevolment id-drittijiet ipotekarji tiegħu kontra s-soċjetà Trojan Trading Company Limited derivanti mill-kuntratt ippubblikat mill-konvenut Nutar Dottor George Bonello du Puis tas-7 ta' Novembru, 1974, u li bħala konsegwenza sofra u se jsofri danni billi ma jitħallasx il-bilanċ tal-flus dovut lilu mill-istess soċjetà u għalhekk qed jitlob li l-konveuti jiġu ddikjarati responsabbli għall-istess danni. Min-naħa tagħhom il-konvenuti eċċepew preliminarjament li l-azzjoni kienet intempestiva billi l-proprjetà ta' l-imsemmija soċjetà debitriċi ma kinitx għadha inbiegħet kollha u qabel dan isir ma setax ikun magħruf jekk l-attur *nomine* sofriex danni jew le;

Fil-mori tal-kawża din il-proprjetà tas-soċjetà Trojan Trading Company Limited inbiegħet kollha kemm hi u jirriżulta ukoll mill-kopja ta' l-*accounts* tagħha ippreparata mill-likwidatur li hemm *net deficiency* ta' seba' u għoxrin elf, seba' u disgħin lira Maltija (Lm27,097);

Ciononostante l-konvenuti qegħdin jinsistu fuq l-imsemmija eċċezzjoni tagħhom ta' intempestività billi jikkontendu li meta ġiet esperita l-azzjoni attriċi, il-beni ta' l-imsemmija soċjetà kienu għadhom ma ġewx mibjugħa u għalhekk l-attur *nomine* ma setax jallega li sofra danni peress li d-danni ma kinux jeżistu u kwindi l-attur *nomine* ma kellu ebda azzjoni x'jesperixxi fil-mument li intenta l-kawża. Il-konvenuti qegħdin jissottomettu li t-teorija tal-*jus superveniens* ma tistax tiġi applikata fil-każ preżenti billi dina għandha tiġi applikata biss meta l-obbligazzjoni li tkun il-bażi ta' l-azzjoni tkun sospiża b'kondizzjoni li ma avverratx ruħha jew terminu li ma jkunx għalaq qabel l-introduzzjoni tal-kawża, iżda din il-kondizzjoni tavvera ruħha jew dan it-terminu jagħlaq waqt il-kawża;

Min-naħa tiegħu l-attur *nomine* qiegħed isostni li l-imsemmija teorija tapplika ukoll fil-każ li d-dritt ta' l-azzjoni ma jkunx jeżisti fil-mori tal-kawża. L-attur *nomine* qed jissottometti ukoll li l-azzjoni għad-danni titwieled malli jsir l-att kolpuż (bħal ma hi d-diminuzzjoni ta' garanzija) u biżżejjed li jkun hemm il-possibilità ta' danni materjali bħalma kien ovvju li kien hemm fil-każ preżenti meta ġiet intavolata l-kawża billi s-soċjetà Trojan Trading Company Limited ma kellhiex attiv biżżejjed biex tissodisfa d-debitu tagħha lejn l-attur *nomine*;

Huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tagħha (Qorti ta' l-Appell, **Vella *vs* Gera**, Kollezzjoni Deċiżjonijiet, Vol. XXXIII - I - 254 u Qorti ta' l-Appell, **Cini *vs* Galea**, Vol. XLII - I - 532), illi *jus superveniens firmat actionem et exceptionem*. Għalhekk, skond l-istess ġurisprudenza, jekk waqt il-kawża jkun intervjena dak id-dritt, l-azzjoni li qabel tkun difettuża tiġi msaħħa. Il-fondament ta' dan huwa preċiżament l-ekonomija tal-ġudizzji u ta' l-ispejjeż;

Huwa evidenti għalhekk li l-każijiet fejn l-obbligazzjoni li tkun il-bażi ta' l-azzjoni tkun sospiża b'kondizzjoni jew terminu u din il-kondizzjoni tavvera ruħha jew it-terminu jagħlaq waqt il-kawża mhumiex, kif qegħdin jippretendu l-konvenuti, l-uniċi każijiet fejn tiġi applikata l-imsemmija dottrina. Dawn il-każijiet, kif osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Cini *vs* Galea**, ġà ċċitata huma biss każijiet tipiċi imma mhumiex tassattivi b'mod assolut. U fil-fatt, tkompli tgħid il-Qorti ta' l-Appell fl-istess kawża, id-dottrina ġiet applikata mill-Qrati tagħna anke meta d-difett inizjali ġie sanat bis-sopravenjenza tad-dritt wara l-eċċezzjoni, saħansitra meta l-kawża kienet fl-istadju ta' l-appell;

Din il-Qorti f'dan ir-rigward tiċċita l-kawża **Catro *vs* Grech *et*,** 23 ta' Mejju, 1947, Qorti ta' l-Appell (Kollez. Deċ., Vol. XXXIII - I - 108) fejn it-talba miġjuba fiċ-ċitazzjoni kellha bħala presuppost id-dritt ta' l-irkupru pretiż mill-attriċi iżda dak id-dritt kien għadu mhux radikat meta l-azzjoni ġiet proposta. Wara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, l-attriċi kienet ippreżentat iċ-ċedola ta' l-kupru u b'hekk irradikat id-dritt tagħha pretiż fiċ-ċitazzjoni u a bażi tal-*jus superveniens*, il-Qorti ta' l-Appell kienet irrevokat l-ewwel sentenza;

Hekk ukoll fil-kawża **Cardona *vs* Bonnici *et***, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell, fit-30 ta' Ġunju, 1947 (Kollez. Deċ. Vol. XXXIII - I- 195) fejn l-attriċi kienet istitwiet il-kawża bla awtorizzazzjoni u kunsens ta' żewġha u għalhekk ma kinintx persuna leġittima biex tmexxi 'l quddiem l-kawża u kwindi l-Ewwel Qorti kienet illiberat lill-konvenuti *ab observantia judicii*, il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-appell ta' l-attriċi in vista ta' l-awtorizzazzjoni li kienet ġiebet mill-Qorti kompetenti wara l-ewwel sentenza u dana a bażi tal-*jus superveniens*;

Hekk ukoll iżjed reċentement fil-kawża **Ellul *vs* Chetcuti**

*et*, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell, fl-14 ta' Diċembru, 1973, fejn l-attur talab ir-rifużjoni ta' somma mħallsa fuq konvenju li, skond hu, kien skada, il-Qorti ta' l-Appell, għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenza, irriteniet li t-terminu tal-konvenju kien għadu ma skadiex meta saret iċ-ċitazzjoni, iżda kien skada wara ċ-ċitazzjoni u b'danakollu ddeċidiet li l-azzjoni kollha tirnexxi bid-dritt tal-*jus superveniens*;

Din il-Qorti, kif ippresjeduta, ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-imsemmija ġurisprudenza u għalhekk billi rriżulta li s-soċjetà debitriċi Trojan Trading Company Limited, wara l-bejgħ tal-proprjetà tagħha kollha fil-mori tal-kawża, għandha *deficiency* ta' Lm27,097 kif fuq ingħad, il-Qorti hi tal-fehma illi l-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni ssollevata minn kull wieħed mill-konvenuti hija nfondata bis-saħħa ta' l-imsemmi prinċipju *jus superveniens* iffirmat *actionem vel exceptionem*;

In vista ta' l-imsemmija konklużjoni tagħha, il-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol fil-punti l-oħra sottomessi mill-partijiet dwar l-istess eċċezzjoni;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni ssollevata mill-konvenut Dottor George Bonello du Puis a fol. 14 tal-proċess kif ukoll tiċħad l-istess eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni ssollevata mill-konvenut Dottor Vincent Falzon a fol. 16 tal-proċess bl-ispejjeż relattivi kontra kull wieħed mill-imsemmija żewġ konvenuti rispettivament, u tiddifferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni għall-31 ta' Jannar, 1985, fid-9.00 a.m.

---